IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2019
COM(2019) 249 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Rapport Annwali ta' Sinteżi għas-sena 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT prevista fir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjonijiet ta' injam fil-Komunità Ewropea

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Rapport Annwali ta' Sinteżi għas-sena 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT prevista fir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjonijiet ta' injam fil-Komunità Ewropea

1. Introduzzjoni u sfond

Fl-2005, l-Unjoni Ewropea (UE) adottat ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005[1] tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament FLEGT"), bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-2003 dwar l-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT)[2]. Fl-2008, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1024/2008[3] li jistabbilixxi miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament FLEGT.

Ir-Regolament FLEGT jistabbilixxi r-regoli tal-UE għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT permezz tal-konklużjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarji (VPAs) ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam, inkluż rekwiżit għall-importazzjonijiet fl-UE ta' prodotti tal-injam li joriġinaw mill-pajjiżi sħab tal-FLEGT li jkunu koperti minn liċenzja FLEGT.

L-iskema ta' liċenzjar FLEGT daħlet fis-seħħ fil-15 ta' Novembru 2016 bl-Indoneżja. Fl-2017, l-Indoneżja kienet l-uniku pajjiż li kellu fis-seħħ skema bħal din.

F'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament FLEGT, l-Istati Membri huma meħtieġa jressqu rapport annwali li jkopri s-sena kalendarja preċedenti.

F'konformità mal-Artikolu 8(3), il-Kummissjoni mbagħad tipprepara u tippubblika rapport ta' sinteżi annwali bbażat fuq l-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri fir-rapporti annwali tagħhom.

Dan it-tieni rapport[4] jipprovdi analiżi tal-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT madwar l-UE u jiddeskrivi l-konklużjonijiet u l-passi li jmiss.

Analiżi aktar dettaljata tar-rapporti nazzjonali, imħejjija għall-Kummissjoni mill-UNEP-WCMC, hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni[5]. Dan jindika li 21 Stat Membru biss bagħtu r-rapport tagħhom qabel l-iskadenza.

Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament FLEGT, l-Istati Membri jirrappurtaw dwar:

(a) il-kwantitajiet ta' prodotti tal-injam importati fl-Istat Membru taħt l-iskema ta' liċenzjar FLEGT, għal kull Intestatura tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Komoditajiet speċifikati fl-Annessi II u III u għal kull pajjiż sieħeb;

[1] ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.
[2] COM/2003/0251 final
[3] ĠU L 277, 18.10.2008, p.23
[4] L-ewwel rapport kopra l-perjodu mill-15 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru 2016, COM/(2018/)448 final
[5] http://ec.europa.eu/environment/forests/flegt.htm

(b) l-għadd ta' liċenzji FLEGT irċevuti[6], għal kull Intestatura SA speċifikata fl-Annessi II u III u għal kull pajjiż sieħeb;

(c) in-numru ta' każijiet u kwantitajiet ta' prodotti tal-injam involuti meta l-Artikolu 6(1) — dwar vjeġġi mhux koperti minn liċenzja FLEGT — ġie applikat[7].

Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar mill-Istati Membri, ġie stabbilit format ta' rappurtar mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8(2). Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT, il-format jinkludi mhux biss id-*data* meħtieġa skont l-Artikolu 8(1), iżda wkoll informazzjoni essenzjali dwar l-obbligi ewlenin tal-Istati Membri skont ir-Regolament FLEGT (eż. Awtorità/awtoritajiet kompetenti nominata/nominati, pieni) kif ukoll informazzjoni dwar aspetti prattiċi tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT.

Il-format ta' rappurtar ġie aġġornat għall-eżerċizzju ta' rappurtar tal-2017, filwaqt li tqieset l-esperjenza rilevanti miksuba mill-ewwel eżerċizzju ta' rappurtar li jkopri s-sena 2016. Il-format kien miftiehem mal-Istati Membri fil-Grupp ta' Esperti tal-FLEGT/EUTR. Barra minn hekk, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, ir-rappurtar sar permezz ta' stħarriġ online, b'xi taqsimiet mimlija minn qabel bl-informazzjoni pprovduta fir-rapport preċedenti.

2. Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni

Ir-Regolament FLEGT jirrikjedi li l-Istati Membri jinnominaw Awtorità/Awtoritajiet Kompetenti u jadottaw pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi biex jinfurzaw ir-Regolament. Ir-rapporti nazzjonali huma mezz biex jiġi vvalutat l-istat ta' implimentazzjoni u l-livell ta' konsistenza miksuba fl-Istati Membri kollha.

2.1 In-Nomina tal-Awtoritajiet Kompetenti

Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament FLEGT, l-Istati Membri kollha nnominaw Awtorità Kompetenti (AK) jew Awtoritajiet Kompetenti (AK)[8] u l-Istati Membri kollha li rrappurtaw ħlief wieħed (il-Portugall) taw informazzjoni dwar l-att leġiżlattiv li jinnomina l-AK.

F'9 Stati Membri, l-awtorità doganali ġiet innominata bħala l-AK għal-liċenzjar FLEGT, jew bħala parti mill-AK. F'19-il Stat Membru d-dwana u l-AK huma awtoritajiet separati. F'dawn l-Istati Membri huwa importanti li jkun hemm arranġamenti fis-seħħ biex jiżguraw li l-awtoritajiet ikunu jistgħu jikkooperaw b'mod effettiv fuq l-ipproċessar tal-liċenzji FLEGT, billi l-AK tkun tista' tiddelega kompiti rilevanti lid-dwana u tikseb l-informazzjoni meħtieġa biex tivverifika li liċenzja FLEGT tkun tikkorrispondi ma' vjeġġ partikolari. Din id-delega tal-kompiti ġiet stabbilita f'dawn l-Istati Membri kollha, jew bi ftehim jew Memorandum ta' Ftehim. Il-frekwenza u l-arranġament tal-iskambju tad-*data* varjaw bejn l-Istati Membri.

2.2 Il-kwantitajiet ta' injam importat u l-għadd relatat ta' Liċenzji FLEGT

L-għadd ta' liċenzji

Fl-2017, 26 Stat Membru (l-Istati Membri kollha ħlief il-Latvja u l-Lussemburgu) irċevew liċenzji FLEGT. Kien irrappurtat li ġew irċevuti 28,826 liċenzja FLEGT, u l-għadd ta' liċenzji

[6] jiġifieri l-għadd ta' liċenzji depożitati mal-AK
[7] jiġifieri l-konformità ma-leġiżlazzjoni nazzjonali f'każijiet ta' vjeġġi mhux koperti minn liċenzja FLEGT
[8] Ara http://ec.europa.eu/environment/forests/pdf/list_competent_authorities_flegt.pdf

varjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri (Figura 1). Aktar minn 98 % (28,467) tal-liċenzji FLEGT irċevuti ġew validati/approvati mill-Awtoritajiet Kompetenti.





Figura 1: L-għadd ta' liċenzji FLEGT irċevuti fl-2017.

Il-kwantitajiet esportati

Aktar minn 658 miljun kilo ta' injam b'liċenzja FLEGT u prodotti tal-injam ġew irrappurtati b'liċenzji FLEGT ivvalidati fl-2017[9,10]. It-tipi ewlenin ta' prodotti b'liċenzja FLEGT importati fl-UE skont il-piż inkludew prodotti mill-karta (SA 4802 u 4803), għamara (SA 9403 u 9401), plywood, pannelli miksija bil-fuljetta u injam laminat simili (SA 4412), xogħol tal-bennejja u tal-mastrudaxxi (SA 4418), u injam iffurmat b'mod kontinwu (SA 4409) (Figura 2). L-Istati Membri importaturi ewlenin ta' dawn il-prodotti jidhru fil-Figura 3.

[9] Aktar minn 99 % (28 331) tal-liċenzji FLEGT ivvalidati rrappurtaw il-piż tal-komodità fil-kummerċ; fil-136 każ fejn il-piż ma ġiex irrappurtat, ġew irrappurtati 443 m^3 u 801 913 oġġett oħra.
Biex jiġi evitat l-għadd doppju, fejn il-kwantità kienet irrappurtata f'aktar minn metrika waħda, il-piż ittieħed b'mod preferenzjali fuq il-volum jew in-numru ta' oġġetti minħabba li kien l-aktar metrika rrappurtata ta' spiss. Fejn il-piż ma ġiex irrappurtat, il-volum ittieħed b'mod preferenzjali fuq in-numru ta' oġġetti.

[10] Dan ir-rapport jinkludi biss *data* minn liċenzji FLEGT. Għalkemm l-Istati Membri rrappurtaw *data* minn dikjarazzjonijiet doganali, dawn mhux dejjem kienu direttament komparabbli mad-*data* dwar liċenzji FLEGT, minħabba l-użu ta' unitajiet differenti ta' kejl.



*Plywood, pannelli miksija bil-fuljetta u injam laminat simili.

Figure 2: Il-kwantitajiet ta' prodotti b'liċenzja FLEGT irrappurtati bil-kodiċi SA** b'liċenzji FLEGT ivvalidati mill-Indoneżja fl-UE fl-2017, irrappurtati skont il-piż (kg)*** (ara l-Anness A għal deskrizzjoni sħiħa tal-kodiċijiet SA). ** Fejn possibbli, il-kodiċijiet SA ġew irrikonċiljati għal 6 numri; Il-kodiċijiet SA b'4 numri jinkludu biss il-kummerċ irrappurtat mill-Istati Membri fil-livell ta' 4 numri. *** Il-kwantità kienet irrappurtata skont il-piż fuq 28 331 (> 99 %) tal-liċenzji FLEGT, li jistgħu ma jkunux rappreżentattivi tal-kummerċ kollu.




Figura 3: L-Istati Membri importaturi ewlenin tal-UE għas-6 gruppi ewlenin ta' prodotti b'liċenzja FLEGT irrappurtati bil-kodiċi SA* b'liċenzji FLEGT ivvalidati mill-Indonesja fl-UE fl-2017, irrappurtati skont il-piż (kg) (ara l-Anness A għal deskrizzjoni sħiħa tal-kodiċijiet SA). * Fejn possibbli, il-kodiċijiet SA ġew irrikonċiljati għal 6 numri; Il-kodiċijiet SA b'4 numri jinkludu biss il-kummerċ irrappurtat mill-Istati Membri fil-livell ta' 4 numri.

Unitajiet tassonomiċi importati

Informazzjoni dwar unitajiet tassonimiċi fil-kummerċ ġiet ipprovduta minn 23 mis-26 Stat Membru li rrappurtaw kummerċ fl-2017. L-Ungerija, in-Netherlands u r-Renju Unit, li flimkien ammontaw għal 311.1 miljun kilo ta' injam b'liċenzji FLEGT ivvalidati, ma pprovdewx informazzjoni dwar l-ispeċijiet fil-kummerċ. Barra minn hekk, aktar minn 498,000 kg ta' injam b'liċenzji FLEGT ivvalidati kienu rrappurtati mingħajr unitajiet tassonomiċi mit-23 Stat Membru l-oħra.

B'kollox, 115 speċi differenti u 57 unità tassonomika ogħla (eż. ġeneri) kienu rrappurtati individwalment b'liċenzji FLEGT ivvalidati fl-2017 (li jinkludu 176.5 miljun kilo), flimkien ma' 170.7 miljun kilo oħra ta' vjeġġi ta' unitajiet tassonomiċi mħallta. Fejn ġew speċifikati unitajiet tassonomiċi individwali, l-aktar unitajiet tassonomiċi nnegozjati skont il-piż kienu *Acacia mangium* (mangium), *Shorea* (meranti) u *Tectona grandis* (tikk).

Ipproċessar ta' liċenzji FLEGT

Is-sistema FLEGIT/TRACES[11] intużat biex tipproċessa liċenzji FLEGT f'20 Stat Membru, filwaqt li 9 Stati Membri użaw sistemi nazzjonali; L-Awstrija rrappurtat li tuża kemm FLEGIT/TRACES kif ukoll sistema nazzjonali. L-Istati Membri rrappurtaw ukoll dwar il-format li fih ġew sottomessi l-liċenzji FLEGT; 14-il Stat Membru rrappurtaw li rċevew liċenzji FLEGT f'aktar minn format wieħed. B'kollox, 19-il Stat Membru rrappurtaw is-

[11] FLEGIT/TRACES hija applikazzjoni tal-web — komponent tas-sistema TRACES NT (Sistema Esperta tal-Kontroll tal-Kummerċ, Teknoloġija Ġdida) — u tista' tintuża minn importaturi tal-UE u mill-aġenti tagħhom, mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-FLEGT tal-Istati Membri u mid-dwana tal-UE għall-verifika u għall-ġestjoni elettronika tal-Liċenzji FLEGT b'mod rapidu u sikur.

sottomissjoni ta' liċenzji stampati, 18 irrappurtaw liċenzji sottomessi permezz ta' FLEGIT/TRACES, 3 minn sistemi elettroniċi nazzjonali u tnejn permezz ta' email.

2.3 Verifika ulterjuri tal-liċenzji FLEGT u vjeġġi FLEGT

Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament FLEGT, l-AK għandhom jiddeċiedu dwar il-ħtieġa għal verifika ulterjuri ta' vjeġġi bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Fi 22 Stat Membru hemm dispożizzjonijiet fis-seħħ biex jitwettqu aktar kontrolli ta' verifika fuq il-liċenzji FLEGT, u fi 23 Stat Membru biex jitwettqu aktar kontrolli ta' verifika fuq vjeġġi FLEGT (Anness B, Tabella 1 u 2). Fl-2017, total ta' 1,144 liċenzja FLEGT sarulhom kontrolli ta' verifika addizzjonali (pereżempju billi ġiet ikkuntattjata l-LIU, l-Unità Indoneżjana ta' Informazzjoni dwar il-Liċenzjar, għal aktar verifika), b'kontrolli mwettqa minn 17-il Stat Membru. Barra minn hekk, in-Netherlands irrappurtaw li wettqu kontrolli ta' verifika addizzjonali kuljum, iżda ma rreġistrawx in-numru ta' kontrolli sabiex jillimitaw il-piż amministrattiv.

L-Istati Membri rrappurtaw li użaw għadd ta' kriterji ta' riskju biex jistabbilixxu jekk ikunx hemm ħtieġa ta' verifika ta' liċenzja jew vjeġġ FLEGT, inkluż f'każijiet ta' nuqqas ta' qbil bejn l-informazzjoni ta' liċenzja FLEGT u dokumentazzjoni oħra (Anness B, Tabella 1 u 2). Dsatax-il Stat Membru rrappurtaw li jużaw SILK, is-Sistema Indoneżjana ta' Informazzjoni dwar il-Legalità tal-Injam, biex jivverifikaw il-liċenzji FLEGT li rċevew mill-operaturi, inklużi 6 Stati Membri li rrappurtaw li "xi kultant" għamlu użu ta' SILK.

Fl-2017, twettqu total ta' 218-il spezzjoni fiżika ta' vjeġġi b'liċenzja FLEGT minn 12-il Stat Membru, bil-vjeġġ jaqbel mad-dettalji tal-liċenzja FLEGT f'94.6 % tal-każijiet.

F'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' implimentazzjoni (KE) 1024/2008, il-Kummissjoni pprovdiet — u tkompli tipprovdi meta jkun meħtieġ — lill-Istati Membri l-ismijiet u d-dettalji rilevanti oħra tal-Awtoritajiet tal-Liċenzjar maħtura mill-Indoneżja, kampjuni awtentikati ta' timbri u firem għal kull Awtorità tal-Liċenzjar u kampjuni tal-mudell tal-liċenzja FLEGT li jintużaw mill-Indoneżja.

2.4 Dispożizzjonijiet għal pieni

Skont l-Artikolu 5(8) tar-Regolament FLEGT, "*kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-pieni li għandhom jiġu applikati għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Tali pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi*." Tmintax-il Stat Membru għandhom dispożizzjonijiet fis-seħħ għal multi amministrattivi, 16 għal multi kriminali, 20 biex jimponu priġunerija, 5 biex jissospendu l-awtorità li wieħed jinnegozja u 8 għal avviżi ta' azzjoni korrettiva jew ittri ta' twissija. Pieni massimi potenzjali għal priġunerija jvarjaw minn xahar sa 15-il sena (16-il Stat Membru rrappurtaw pieni potenzjali massimi minn sena sa 5 snin).

F'konformità mal-Artikolu 5(7) tar-Regolament FLEGT, id-dwana tista' tissospendi r-rilaxx tal-prodotti tal-injam jew iżommhom meta jkollhom raġuni biex jemmnu li l-liċenzja tista' ma tkunx valida. Tlieta u għoxrin Stat Membru rrappurtaw li jistgħu jikkonfiskaw il-prodotti tal-injam, u 21 Stat Membru rrappurtaw li r-rimi ta' injam ikkonfiskat huwa previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom (Figura 4). Fejn ir-rimi ta' injam ikkonfiskat huwa previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, 10 Stati Membri rrappurtaw li din kienet ir-responsabbiltà tad-dwana, u 5 Stati Membri rrappurtaw li din kienet ir-responsabbiltà tal-AK.




Figura 4: Stati Membri b'pieni (A) li jinkludu l-qbid jew il-konfiska ta' vjeġġi tal-injam, dispożizzjonijiet (B) għar-rimi ta' injam ikkonfiskat stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

2.5 Pieni applikati

Fl-2017, 11-il Stat Membru rrappurtaw li ma approvawx[12] total ikkombinat ta' 107 liċenzja FLEGT, bl-akbar numru mhux approvat mill-Italja (63) (Figura 5). Żewġ Stati Membri (l-Awstrija u l-Estonja) applikaw l-Artikolu 6(1)[13] għal total ikkombinat ta' 4 każijiet li kienu jiżnu 4,475 kg fl-2017, li kollha rriżultaw f'pieni amministrattivi. Stat Membru wieħed (il-Ġermanja) applika l-Artikolu 6(2)[14], minħabba l-allegazzjoni ta' liċenzja ffalsifikata.

[12] Dan jista' jinkludi liċenzji FLEGT li ġew rifjutati u dawk li ġew injorati (eż. każijiet fejn liċenzja FLEGT kienet sottomessa għal prodotti tal-injam mhux koperti mill-VPA mal-Indonesja).

[13] L-Artikolu 6(1) jiddikjara li, jekk l-Awtoritajiet Kompetenti jistabbilixxu li vjeġġ mhuwiex kopert mil-liċenzja FLEGT u l-importazzjoni tiegħu hija għalhekk ipprojbita, huma għandhom jaġixxu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fis-seħħ.

[14] l-Artikolu 6(2): L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kull informazzjoni li tissuġġerixxi li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament qegħdin jiġu, jew ġew, evitati.




Figura 5: L-għadd ta' liċenzji FLEGT mhux approvati fl-2017.

2.6 Tariffi għall-ipproċessar ta' liċenzji FLEGT

L-Istati Membri jistgħu jimponu tariffi għall-ipproċessar tal-liċenzji FLEGT, skont l-Artikolu 5(6) tar-Regolament FLEGT. Sitt Stati Membri rrappurtaw li għamlu hekk, b'tariffi li varjaw minn madwar EUR 11 (GBP 9.60) sa EUR 105.90 (Anness B, Tabella 3).

2.7 Miżuri oħra ta' implimentazzjoni

Wieħed u għoxrin Stat Membru pprovdew informazzjoni dwar miżuri u sfidi oħra marbuta mal-implimentazzjoni. Għaxra minnhom irrappurtaw li qed jikkollaboraw ma' AK oħra u 6 oħra mal-Kummissjoni Ewropea; dawn il-kollaborazzjonijiet tqiesu bħala pożittivi. Diversi sfidi marbuta mal-implimentazzjoni tqajmu minn Stat Membru wieħed jew aktar, inklużi: il-ħtieġa għal aktar gwida prattika dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament FLEGT fil-prattika (eż. għall-uffiċjali tad-dwana), biex il-FLEGIT isir aktar faċli għall-utent, u biex l-AK jingħataw aċċess akbar għal *data* dwar SILK. L-Istati Membri kkummentaw ukoll dwar kwistjonijiet li jirriżultaw mill-fatt li jkunu rċevew liċenzji FLEGT mhux kompluti jew bil-ħsara, dwar kwistjonijiet b'informazzjoni li ma taqbilx bejn il-liċenzji FLEGT u d-dikjarazzjonijiet doganali, u dwar il-piż amministrattiv biex jiġu solvuti dawn il-kwistjonijiet.

3. Konklużjonijiet

It-tieni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT juri li mxiet sew. Fl-2017, l-l-ewwel sena sħiħa ta' implimentazzjoni tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT, ġew irċevuti 28,826 liċenzja, li aktar minn 98 % minnhom (li jammontaw għal aktar minn 658 miljun kilo ta' injam u prodotti tal-injam) ġew approvati. Ġiet irrappurtata kollaborazzjoni pożittiva bejn l-AK u mal-Kummissjoni. L-għadd ta' Stati Membri li jimponu tariffi għall-ipproċessar tal-liċenzji FLEGT żdied, b'firxa iżgħar ta' tariffi meta mqabbla ma' dik li kienet irrappurtata qabel.

Għad fadal xi sfidi, inklużi informazzjoni li ma taqbilx bejn il-liċenzji FLEGT u d-dikjarazzjonijiet doganali, u l-aċċess ristrett tal-Istati Membri għal *data* dwar SILK.

4. Il-passi li jmiss

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fuq l-applikazzjoni effettiva u konsistenti tar-Regolament FLEGT fl-UE kollha, inkluż billi tiżviluppa dokumenti ta' gwida addizzjonali jew billi tirrevedi l-*Linji Gwida ta' Implimentazzjoni tad-Dwana u l-FLEGT*, fejn meħtieġ, fid-dawl tal-esperjenza miksuba s'issa. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll taħdem f'kooperazzjoni mal-Istati Membri biex ittejjeb ir-rappurtar, inkluż ir-rappurtar konsistenti tad-*data* dwar il-liċenzji FLEGT u d-dikjarazzjonijiet doganali, l-użu konsistenti tal-unitajiet tal-kejl u t-titjib ulterjuri tal-format tar-rappurtar, filwaqt li tqis l-esperjenza miksuba. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tinkoraġġixxi lill-Istati Membri li bħalissa ma jużawx FLEGIT/TRACES biex jagħmlu hekk, għaliex dan, *inter alia*, se jiffaċilita r-rappurtar. Finalment, il-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq it-titjib ulterjuri tas-sistema FLEGIT/TRACES IT, filwaqt li tqis l-esperjenza u s-suġġerimenti mill-Istati Membri u tikkoopera fl-iskambju tad-*data* ma' Stati Membri li żviluppaw is-sistemi nazzjonali tagħhom stess.

B'mod parallel, il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet Indoneżjani biex tindirizza l-kwistjonijiet u l-isfidi identifikati hawn fuq bħala parti mid-diskussjonijiet usa' dwar l-implimentazzjoni tal-VPA FLEGT UE-Indoneżja u s-sorveljanza tal-impatti tagħha. Il-Kummissjoni nediet ukoll ħidma pilota mal-Indoneżja dwar l-integrazzjoni tas-sistemi tal-IT rispettivi, jiġifieri FLEGIT/TRACES, b'SILK, lejn sistema ta' liċenzjar ibbażata kompletament fuq l-elettronika fil-futur.

Anness A

Il-kodiċijiet tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-prodotti FLEGT importati fl-2017

Kodiċi tas-SA	Dettalji
4407	Injam isserrat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf, ta' ħxuna ta' aktar minn 6 mm.
4407.25	Injam, tropikali; meranti aħmar skur, meranti aħmar ċar u meranti bakau, isserrat jew imlaqqax mit-tul, imqatta' jew imqaxxar, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le, eħxen minn 6 mm
4409	Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parkè, mhux immuntat) b'forma kontinwa (mudullun, gruvjat, irbattut, iċċanfrinat, ingastat-V, imżebbeġ, iffurmat, ittundjat jew simili) tul xi xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le.
4409.22	Injam; tropikali (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parkè), b'forma kontinwa tul xi xifer, tarf jew wiċċ, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le
4409.29	Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parkè, mhux immuntat) b'forma kontinwa (mudullun, gruvjat, irbattut, iċċanfrinat, ingastat-V, biż-żibeġ, iffurmat, ittundjat jew simili) tul xi xifer, tarf jew wiċċ, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le, mhux koniferu (mhux tal-kannadindja)
4412	Plywood, pannelli miksija bil-fuljetta u injam laminat simili
4412.31	Plywood; li jikkonsisti biss minn folji tal-injam (mhux bambù), kull folja ta' 6 mm jew irqaq, b'mill-inqas folja waħda ta' barra tal-injam tropikali
4412.94	Blokkbord, laminbord u battenboard (mhux bambù, u minbarra plywood magħmul biss minn folji tal-injam kull folja ta' 6 mm jew irqaq)
4414	Gwarniċi tal-injam għal pitturi, ritratti, mirja jew oġġetti simili (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
4418	Xogħol tal-injam għal bennejja, inklużi pannelli tal-injam ċellulari, pannelli mmuntati għall-paviment, shingles u shakes
4418.20	Injam; bibien u ċ-ċaċċiżi tagħhom u l-għetiebi tagħhom
4418.99	Injam; xogħol tal-bennejja u tal-mastrudaxxi tal-injam n.e.c. fl-intestatura nru 4418, minbarra tal-bambù
4421	Oġġetti tal-injam n.e.c. fl-intestatura nru 4414 sa 4420
4421.99	Injam; mhux tal-bambù, oġġetti n.e.c. fl-intestatura nru 4414 sa 4420 (eskluż spallieri tal-ħwejjeġ)
4703	Polpa ta' injam kimika, soda jew sulfat, ħlief gradi li jdubu
4802	Karta u kartun mhux miksija, ta' tip użati għal kitba, stampar jew għanijiet grafiċi oħrajn, u stokk tal-kartun tal-ippanċjar u karta għat-tejp tal-ippanċjar, f'rombli jew folji, ħlief karta ta' intestatura Nru 4801 jew 4803; karta jew kartun magħmula bl-idejn :
4802.56	Karta u kartun mhux miksija (mhux 4801 jew 4803); kitba, stampar jew grafika, 10 % jew inqas skont il-piż ta' fibra magħmula minn proċess mekkaniku jew kemi-mekkaniku, piż 40-150 g/m2, f'folji ta' 435 mm jew inqas b'297 mm jew inqas (mhux mitwija)
4803	Maktur tal-karta, xugaman, stokk tas-srievet jew simili; għal użu domestiku jew sanitarju, materjal artab taċ-ċelluloża, insiġ ta' fibri ċelluloži, f'rombli ta' aktar minn 36 cm fil-wisa' jew f'folji rettangolari b'naħa waħda li taqbeż is-36 cm meta mhux mitwija
4804	Karta jew kartun kraft mhux miksi, f'rombli jew folji, ħlief dawk tas-subintestatura 4802 jew 4803
4810	Karta u kartun, miksija min-naħa waħda jew miż-żewġ naħat b'kawlina (tafal taċ-Ċina) jew sustanzi oħrajn inorganiċi, b'materjal li jgħaqqad jew le, u mingħajr ebda kisi ieħor, bil-wiċċ miżbugħ, bil-wiċċ imżejjen jew stampat jew le, f'rombli jew f'folji rettangulari (inklużi kwadri), ta' kull qies (mhux minn materjal li mhux tal-injam irriċiklat)
4821	Tikketti tal-karta jew tal-kartun ta' kull tip, stampati jew le
9401	Sits (ħlief dawk tal-intestatura 94.02), kemm jekk jinbidlu f'sodod jew le, u partijiet tagħhom
9401.69	Sits; b'qafas tal-injam, mhux miksija, (minbarra għamara medika, kirurġika, dentali, veterinarja jew tal-barbiera)
9403	Għamara oħra u partijiet tagħha
9403.60	Għamara; tal-injam, minbarra għall-użu fl-uffiċċju, l-kċina jew il-kamra tas-sodda

Anness B

Tabella 1: Kriterji użati biex jiġi ddeterminat jekk kinitx meħtieġa verifika addizzjonali ta' liċenzja FLEGT, fejn irrappurtat mill-Istati Membri.

Pajjiż	Aġenzija li twettaq il-verifiki*	Speċi	Operatur	Volum/piż tal-vjeġġ	Kodiċijiet SA	Pajjiż ta' oriġini	Nuqqas ta' qbil fl-informazzjoni tad-dokument	Kwistjonijiet oħrajn**
L-Awstrija	AK	✓		✓	✓		✓	
Il-Belġju	AK u D						✓	
Il-Bulgarija	AK		✓	✓	✓		✓	
Ċipru	AK						✓	Mhux speċifikat
Ir-Repubblika Ċeka	AK u D	✓			✓		✓	Mhux speċifikat
Id-Danimarka	AK				✓		✓	Mhux speċifikat
L-Estonja	D	✓		✓	✓	✓	✓	eż. kopja biss tal-liċenzja FLEGT hija pprovduta
Il-Finlandja	AK	✓		✓	✓		✓	Liċenzja ma teżistix fil-bażi tad-*data* SILK, timbru u/jew firma nieqsa, il-liċenzja mhijiex stampata fuq karta uffiċjali
Il-Ġermanja	AK	✓	✓	✓	✓	✓	✓	Qabbel mal-informazzjoni dwar il-liċenzja SILK
L-Ungerija	AK			✓	✓		✓	Mhux speċifikat
L-Irlanda	AK						✓	Tqabbil ma' informazzjoni tal-liċenzja dwar SILK
L-Italja	AK u D			✓	✓		✓	
Il-Latvja	AK				✓		✓	AK tivverifika l-legalità tal-liċenzji fis-sistema Indoneżjana ta' informazzjoni dwar il-legalità tal-Injam
Il-Litwanja	D	✓		✓			✓	Mhux speċifikat
Malta	AK u D						✓	Mhux speċifikat
In-Netherlands	AK			✓			✓	Mhux speċifikat
Il-Polonja	AK			✓	✓			Dubji relatati mal-awtentiċità tal-firma fuq il-liċenzja FLEGT
Is-Slovakkja	AK	✓	✓	✓	✓	✓	✓	
Is-Slovenja	AK u D						✓	Mhux speċifikat
Spanja	AK							[Meta l-liċenzja ma teżistix jew ma jaqblux ma' SILK jew meta tiskadi]
L-Iżvezja	AK u Oħrajn (LIU)	✓	✓		✓	✓		Il-liċenzja m'għandha l-ebda firma, timbru, informazzjoni obbligatorja oħra; il-firma hija nieqsa f'SILK jew m'għadhiex valida; il-liċenzja m'għadhiex valida.
Ir-Renju Unit	AK		✓	✓	✓		✓	Nuqqas ta' qbil fir-Renju Unit u l-kodiċijiet tat-Tariffa tal-Kummerċ Indoneżjan

* AK = Awtorità Kompetenti; D = dwana.

** It-test fil-parentesi kwadri "[]" ġie tradott jew imqassar mill-kummenti mogħtija mill-Istati Membri.

Tabella 2: Kriterji użati biex jiġi ddeterminat jekk kinitx meħtieġa verifika addizzjonali ta' vjeġġ b'liċenzja FLEGT, fejn irrappurtat mill-Istati Membri.

Pajjiż	Aġenzija li twettaq il-verifiki*	Speċi	Operatur	Volum/piż tal-vjeġġ	Kodiċijiet SA	Pajjiż ta' oriġini	Nuqqas ta' qbil fl-informazzjoni tad-dokument	Kwistjonijiet oħra bil-liċenzja FLEGT	Verifiki għal għarrieda	Kwistjonijiet oħra
L-Awstrija	AK u D	✓		✓	✓		✓		✓	
Il-Belġju	D u Oħrajn **								✓	✓
Il-Bulgarija	D & Oħrajn (Aġenzija Eżekuttiva tal-Forestrija)			✓	✓		✓	✓	✓	✓
Il-Kroazja	D						✓			
Ċipru	AK u Oħrajn (mhux speċifikati)							✓		✓
Ir-Repubblika Ċeka	AK u D	✓			✓		✓	✓		
Id-Danimarka	AK u D u Oħrajn (mhux speċifikati)	✓				✓	✓	✓	✓	✓
L-Estonja	D u Oħrajn (mhux speċifikati)	✓			✓		✓	✓	✓	✓
Il-Finlandja	AK u D	✓		✓	✓		✓		✓	
Franza	D u Oħrajn (mhux speċifikati)						✓	✓	✓	
Il-Ġermanja	AK u D	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	
L-Irlanda	AK						✓	✓	✓	
L-Italja	AK u D			✓	✓		✓			
Il-Litwanja	D u Oħrajn (mhux speċifikati)						✓	✓	✓	✓
Malta	AK u D u Oħrajn (mhux speċifikati)						✓	✓	✓	✓
In-Netherlands	D u Oħrajn (mhux speċifikati)	✓		✓	✓	✓		✓	✓	✓
Il-Polonja	D u Oħrajn (mhux speċifikati)	✓		✓	✓		✓	✓		✓
Ir-Rumanija	AK u D u Oħrajn (mhux speċifikati)			✓				✓		✓
Is-Slovakkja	AK u D	✓	✓	✓	✓	✓	✓			

Pajjiż	Aġenzija li twettaq il-verifiki*	Speċi	Operatur	Volum/piż tal-vjeġġ	Kodiċijiet SA	Pajjiż ta' oriġini	Nuqqas ta' qbil fl-informazzjoni tad-dokument	Kwistjonijiet oħra bil-liċenzja FLEGT	Verifiki għal għarrieda	Kwistjonijiet oħra
Is-Slovenja	AK u D u Oħrajn (Amministrazzjoni Finanzjarja)						✓	✓		✓
Spanja	AK u D			***						✓
L-Iżvezja	D				✓		✓	✓		
Ir-Renju Unit	D u Oħrajn (Forza tal-Fruntiera)				✓		✓	✓	✓	✓

* AK=Awtorità Kompetenti; D=Dwana.

** AK Belġjana qed tippjana li tagħmel kontrolli addizzjonali bbażati fuq ir-riskju (speċijiet, volum, kodiċijiet SA, pajjiż ta' oriġini) f'kollaborazzjoni mad-dwana.

*** Spanja: id-dwana tivverifika li l-piż tal-vjeġġi ma jaqbiżx l-10 % tal-piż indikat fuq il-liċenzja.

Tabella 3: Livelli approssimattivi tat-tariffi u l-bażi tal-kalkolu għal dawk l-Istati Membri li jimponu tariffi fuq l-importaturi għall-ipproċessar tal-liċenzji FLEGT

Pajjiż	Livell ta' tariffa [konvertit]	Il-bażi għall-kalkolu tat-tariffa
L-Awstrija	EUR 105.90	Id-drittijiet ġew ikkalkulati abbażi ta' - l-għadd ta' importazzjonijiet mill-bidu tal-2015 sal-aħħar ta' Mejju 2016. - il-ħin stmat meħtieġ biex tiġi kkontrollata liċenzja fl-uffiċċju - it-tul ta' żmien stmat u l-ispejjeż (ħin tax-xogħol, spejjeż tal-ivvjaġġar) ta' kontrolli fiżiċi
Il-Belġju	EUR 50 (għal vjeġġi biss >500 kg)	Bażi ġuridika għat-tariffa
Il-Finlandja	EUR 70	Bażi ġuridika għat-tariffa; abbażi tal-medja tal-ħin li l-persunal qatta' jipproċessa liċenzja FLEGT
Il-Greċja	EUR 100	Bażi ġuridika għat-tariffa
L-Italja	EUR 50	Abbażi tal-medja tal-ħin li l-persunal qatta' jipproċessa liċenzja FLEGT
Ir-Renju Unit	GBP 9.60 [EUR 11.26]	Bażi ġuridika għat-tariffa; abbażi tal-medja tal-ħin li l-persunal qatta' jipproċessa liċenzja FLEGT